*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

**L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

16.1 ***Qari t'aploġija:***

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija

16.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 15 li saret Nhar it-Tnejn 10 t'Awwissu 2020:***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala document korrett.**

16.2.1 **Matters arising:**

16.2.2 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 5 artiklu 15.3.3. u qal illi rigward il-ġbir ta' ħġieġ mil-Lokal il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ma kienx milqut b'mod negattiv minn din il-bidla peressilli ftit tax-xhur ilu il-Kunsill kien beda jiġbor il-ħġieġ fl-ewwel Ħamis tax-xahar u mhux kif kien qabel l-ewwel Ġimgħa. Dan kien ta vantaġġ għaliex il-ġabra tal-iskart tal-Hamis tinvolvi biss il-borza s-sewda u għalhekk il-kuntrattur tagħna filgħodu beda bil-ġabra tal-ħġieġ fejn ħafna mir-residenti xorta waħda ma tefawx il-ħġieġ fil-kontenituri mgħotija mill-Wasteserv u wara reġa ġie sabiex jiġbor il-borza is-sewda. Nifmu li fejn tħalli kartun kontaminat inġabar ukoll mal-borza s-sewda. Dan grazzi għall-koperazzjoni wkoll min naħa tal-Kuntratturi tagħna.

16.2.3 Is-Sindku tkellem fuq pagna 4 artiklu 15.3.1 u qal illi rigward l-proġett minn naħa tal-Kumpanija Gardania fuq il-landscaping tal-blat ta taħt il-Knisja ezatt biswit il-latrina. Huwa qal illi wara li tkellem mal-Kappillan Rev.Dun Roderick Camilleri, ġie ikkuntatjat mis-Sur Buontempo minn naħa tal-Kurja fejn dan ta' l-aħħar ma sabx oġġezzjoni li dan isir. Huwa kompla jgħid illi issa l-*way forward* hija li niltaqgħu mal-Perit tal-Kumpanija Gardania biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet neċessarja l-PA.

16.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagna 6 artiklu 15.7.3 fejn staqsa x'ser tkun ir-responsabilita` ta dan is-sotto kumitat u *it-terms of reference* tagħhom.

Is-Sindku qal li dan is-sotto kumitat huwa tal-infrastruttura u spjegalu fid-dettal illi hu fl-aħħar laqgħa informa lill-Kunsill bil-persuni li fl-opinjoni tiegħu setgħu jagħtu kontribut biex jagħmlu parti min dan is-sottokumitat u ma kienx ser jaħtar dan il-kumitat mingħajr ma jkollu l-*green light* tal-Kunsilliera. Huwa spjega li dawn il-persuni għandhom kuntatti tajbin ma Dipartimenti tal-Gvern u b'hekk jistgħu jkunu ta għajnuna kbira għalina. Kompla jgħid illi dan is sottokumitat ser jiltaqa u stieden lis-Sur John B Camilleri sabiex jattendi.

16.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Berġa mhux qed tkun miftuħa u tajjeb li l-Kunsill jindaga għaliex u jekk hemmx il-possibilta' li terġgħa tiftaħ.

Is-Sindku fakkar illi spazju mill-binja tal-Kunsill ser tkun iddedikata għall-klinika kif suppost u li tixraq l-iskalin.

Qabel izda illi sa kemm titlesta l-binja tajjeb li nkellmu l-Ministru ħalli nies tagħna jinqdew kif xieraq.

Il-Kunsill qabel illi nkellmu lill-Ministeru ikkonċernat.

16.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 15.2.6 jekk kellniex xi risposta rigward il-katakombi.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għad ma għandna l-ebda risposta u ser terġa tibgħat reminder.

16.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

16.3.1 **Talba Grupp tan-Nar (35/3078/20/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill kien qabel li l-Grupp tan-Nar tingħatalhom donazzjoni ta' €3000 fis-sena sabiex ngħinu fil-festa. Kif jaf kulħadd il-festa din is-sena ma saritx u l-allokazzjoni ma ngħatatx minkejja li l-grupp ħareġ xi ftit flus xorta waħda għal ftit nar li sar. Il-grupp permess ta’ din l-ittra qed jitlob sabiex il-Kunsill jgħinhom għaliex minħabba l-pandemija qed isoffru min nuqqas ta ġbir ta' finanzi u ġentilment qed jitolbu li għas-sena 2021 il-Kunsill izied l-allokazzjoni ta' €1500 biex b'hekk it-total ta' € 4500 imur kollu għal-ispettaklu tan-nar min fuq il-baħar kif ukoll dak ta l-art biex inpattu ftit għal dak li ġara din is-sena minħabba l-pandemija tal-Covid 19.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-Kunsill ġieli ta aktar flus il-għaqdiet oħra u allura ma ssibx oġġezzjoni.

Kien hemm qbil unanimu illi ngħatu l-allokazzjoni sħiħa skond kif mitlub.

16.3.2 **Kiosk Illegali Triq is-Salini :**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed ikollna hafna kiosks li qed jarmaw mal-Promenade fi Triq is-Salini u dawn apparti li qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom u qed ikunu ta' disturbanza għar-residenti u negozzji oħra. Huwa kompla jgħid illi hu flimkien ma ħdax il-Sindku oħra kellhom laqgħa mal-Prim Ministru, Ministru għall-Intern u Sigurta Nazzjonali kif ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija u tkellmu anke fuq din il-problema li qed tinħoloq mhux biss f'Marsaskala izda lokalitajiet simili tagħna. Dawn qed ikollhom il-permessi ta' hawker meta fil-verita huma mhumiex hawkers kompla jgħid li għalhekk il-Pulizija m'għandhomx saħħa li jneħħu lill dawn in-nies. Qal ukoll li t-Trading Department huwa bla rispett u joħroġ liċenzji mingħajr biss ma jikkonsulta mal-Kunsill. Huwa issuġġerixxa li almenu ( minkejja li ma nistgħux ) l-Kunsill jiġbor flus għal permess għal kull darba li jkunu ser jarmaw il-kiosk tagħhom.

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi b'dak il-mod qiegħed tkun kompliċi ma dak li qed isir.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għalkemm hu ma jaqbilx li jkun hawn dawn il-kiosks il-Kunsill irid jagħraf il-fatt illi l-vannijiet tal-ħaxix qegħdin jagħmlu l-istess ħaġa.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk il-Kunsill jistax joħrog Bye law għal postijiet fejn dawn il-kiosks jistgħu jiġu mpoġġija.

Is-Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-kiosks illegali ma jistawx joperaw mingħajr ma jiġu ċċekjati min persuni fi ħdan is-sanita` u tas-saħħa u għaldaqstant irridu nirrapurtaw lil entitajiet ikkonċernata.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk il-Kunsill mhux ser jieħu azzjoni immedjata dawn il-kiosk ħa jibqgħu jizdiedu u l-problema ħa tiġi bla kontroll.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu ittra lill-Ministru tal-Intern, il-Prim Ministru kif ukoll lill-Kummisarju tal-Pulizija u f'din l-ittra insemmgħu ukoll l-laqgħa li attenda għaliha s-Sindku flimkien ma Sindki oħra fejn id-diskuttew din il-problema .

16.3.3 **<u>Diesel Spill (35/3094/20/I):</u>**

Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dahlila dan ir-rapport minghand residenta illi garbet hsarat minhabba zejt li kien fit-triq. Min naha tagħha hi infurmata illi għandha tagħmel rappport lill-Pulizija flimkien ma ritratti ta evidenza sabiex inkunu nistgħu niddiskutuha fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku infurma illi din it-triq ma taqax man naħa tal-Kunsill u għalhekk il-persuna kkonċernata għandha tirreferi l-ilment tagħha lill TM.

16.4 **<u>Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

16.5 ***<u>Rapporti:</u>***

Ma kienx hemm rapporti.

16.6 ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-persuna li qed tieħu ħsieb l-art gallery f'Marsaskala kien tkellem magħha sabiex issir attivita` illi tinkorpora lill-Kunsill l-ħwienet flimkien ma l-art gallery.

Kien hemm qbil illi niddiskutu dan il-punt fil-laqgħa li jmiss.

16.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jħoss illi l-attivita' tal-Milied għal din is-sena għandha titħassar minħabba li kollox għadu inċert minħabba l-Covid 19 u attivita bħal din tinvolvi ħafna xogħol illi zmien għalih ma tantx fadal u jaf ikun kollu għalxejn.

Il-Viċi Sindku S-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għalissa għandna nħallu kollox kif inhu u naraw kif jizviluppaw l-affarijit aktar il-quddiem.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi din is-sena ser naħdmu b'mod differenti u hemm bzonn li tinħareg sejħa u sakemm tinħareġ din is-sejħa tiġi aġġudikata u jinbeda x-xogħol ħa jkun tard wisq.

16.6.2 Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku qal illi kien hemm laqgħa ma persuna li ikkuntattja il-Viċi fejn spjegat illi kienet rebħet arts fund u din kella x-xewqa li twaħħal bank b'xi skultura tal-eks Sun City Cinema. Dan huwa donazzjoni u bla ħlas u kompost minn ġebel tal-franka flimkien ma concrete. Is-Sindku qal illi l-proposta ġiet aċċettatha.

16.7 ***Korrispondenza:***

16.7.1 **Kwotazzjoni ta' CCTV Cameras:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jixtieq jibda biex għamel referenza għall-kamera li l-Kunsill qabel li ssir ħdejn l-istabbiliment Hasta La Vista fi Triq Sant Antnin fejn din kienet ser issir biss biex nevitaw trakkijiet li jipparkjaw fuq ic-central strip quddiem l-bollards li twaħħlu mill-Kunsill stess. Irrizulta li xi ħadd għaddha nformazzjoni ħazina lill tal-ħwienet fejn wassal illi l-Kunsill qed jagħmel din il-kamera sabiex jagħti ċitazzjonijiet oħra fejn inkunu qed nkissru in-negozzji meta dan qatt ma kien il-kaz kompla jgħid is-Sindku izda min wassal dan il-messaġġ ma kien xejn ħlief li jagħmel ħsara bejn is-siddien tal-ħwienet u s-Sindku jew il-Kunsill. Wara laqgħa pjuttost imqanqla mas-sidien tal-ħwienet, Is-Sindku ħass illi anqas din il-kamera m'għandha titwaħħal. Waqt id-diskussjoni ġie issuġġerit illi biex jitnaqqas il-periklu isiru zewġ tabelli fin-nizla ta l-aħħar biċċa ta' Ġebel Ħanxul ma Triq l-iskal.

Tabella fuq il-lemin li tgħid il-vetturi għall-Belt Valletta jduru lejn Triq l-Iskal u tabella oħra fuq ix-xelluk għall dawk il-vetturi li jkunu jridu jipproċedu lejn iċ-ċentru. Jizdiedu xi bollards ma li hemm biex zgur vetturi kbar tad-distribuzzjoni ma jipparkjawx fin-nofs.

Il-Kunsill qabel li l-camera ma titwahhalx f'din it-triq ghaliex hemm hafna aktar postijiet li hemm bzonn ta' sorveljanza aktar min dik ic-central strip.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema li hemm hija dik li ghalkemm il-Green MT ser ihallas il-cameras min naha tieghu il-Kunsill irid ihallas ilpermess tad-dawl ghal kull camera. Apparti l-kont tas-servizz talinternet

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jista ma jkunx il-kaz li hemm bzonn ta applikazzjoni għad-dawl ghal kull camera ghax jekk hemm mezz min fejn jista jgib id-dawl ma jkunx hemm bzonn ta' permess gdid.

Kien hemm qbil illi il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jmur idur mal-kuntrattur li ser jaghmel il-cameras sabiex ikunu jistghu jistabilixxu jekk hemmx mezz min fejn jittiehed id-dawl.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm ukoll l-cameras li ser isiru fil-parkeġġ tal-iskola fejn hu kellu laqa mal-prinċipal fejn min naħa tiegħu qed jistenna Management Agreement min naħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv għadda l-informazzjoni kollha meħtieġa l-avukat tal-Kunsill se jkun jipprepara u kif ikun lest ser jgħaddi direttament għand il-prinċipal.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-laqgħa li tkellem dwarha aktar il-quddiem li kellu mas-Sindki oħra iddiskutew anke l-problema ta' nuqqas ta’ parkeġġ u ċitazzjonijiet li jingħataw fejn min naħa tiegħu qal illi hemm bzonn illi l-uffiċjali tal Kommunita ma jiġux kmieni wisq filghodu u almenu nħallu r-resdienti jmorru għax-xogħol u dan għaliex il-problema ta’ parkeġġ hija kbira u hekk ngħatu ftit nifs lir-residenti.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi wara li hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri raw l-korrispondenza li baghtu ir-residenti tal-akkwati fejn ser issir street management. Kien hemm il-fuq minn tletin email fejn ġew kollha mixtarra kif ukoll inbagħatet risposta. Xewqa simili kienet li Triq ta' Gidwet tibqa  two way kif ukoll Triq l-Aħdar. Ix-xewqa tar-Residenti ġiet milqugħa.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mas-Sinjorina Sabrina Agius mil-GSE technologies fejn dawn offrew proġett ta' sustainability and green. Dan is-suġġeriment ġie minn naħa tal-Ministru Carmelo Abela mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Prezenti kien hemm ukoll is-Sinjura Beverley Saliba. Dawn ser joffru għamara għal fuq il-promenade ezatt minn faċċata tar-ristorant ta' Grabiel għall faċċata tal-fanal. It-tisbieħ  jikkonsisti  fi ismart bins, bankijiet eċċ.  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ġiet mistiedna biex tieħu tipparteċipa f’dan il-proġett peress li hija għandha r-responsabbilta` tal-ambjent.

- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-gimgha TM wahhlu xi Tamarisk fi Gnien San Tumas. Huwa spjega li wara ftit siegħat li ġie nfurmat, ikkomunika mas-Sur Frederick Azzopardi mit-TM fejn kien hemm qbil li flok tamarisk jitwaħħlu zebbuġ jew wasingtonia. Fil-fatt l-għada hekk sar.

  Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dawn is-siġar ma kellhom qatt jitwaħħlu f'dan iz-zmien

  Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn twaħħlu min  naħa ta' TM bħala planning gain għas-siġar illi tneħħew biex inbnew toroq ġodda.

16.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’pagamenti:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont € |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **Marsaskala F.C** | Coaching services by Nursery Season 2019/2020 from 1st March 2020 to 30th November 2020 | MFCN20/01<br>MFCN20/02<br>MFCN20/03 | 1000.00<br>1000.00<br>100.00 |
| **Ms Doreen Mintoff** | Accounting services August 2020 | 20-036 | 759.92 |
| **Ms Annalise Farrugia** | Public convenience 13th August 2020 to 12th September 2020 | 20.9 | 1781.27 |
| **Mr Giovanni Camilleri** | Blacksmith works | 0202<br>0200<br>0201 | 670.00<br>625.00<br>610.00 |
| **Mr Jimmy Muscat** | Bulky refuse August 2020 | 008/20 | 2476.67 |

16.8.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament numru 1640 tas-Sur Alan Spiteri.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi jidher li hemm zball u dak il-pagament mhuwiex tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

16.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

16.9.1 **<u>Mozzjoni mressqamill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#047 – 3/9/20):</u>**

*"Jipproponi li sakem tissolva il-problema tal-iskart fejn jidher li m'hawn ebda dixxiplina għal min ma jagħmlux uzu kif nixtieq jitneħħa l-iskips minn ħdejn Villa Sant Anna."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

16.9.2 **<u>Mozzjoni mressqamill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#048 – 3/9/20):</u>**

*"Jipproponi li il-Kunsill jitlob lil Infrastructure Malta liema huma it-toroq li ħa jsiru għas-sentejn li ġejjin sabiex ikun jista jippjana meta u fejn ha jagħmel patching qabel ma nircievu ruxmata talbiet għal-ħsarat fil-vettura hekk kif tibda ix-xitwa."*

Is-Sindku qal illi hemm lista diġa li ser tiġi ipprezentata.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qajjem il-punt ukoll li għadda xahar ieħor u Triq il-Qaliet għadha mhux lesta.

Sindku qal li qed jinvestigaw biex jaraw jekk hemmx bzonn li terġgħa tinqala.

16.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon(#049 – 4/9/20):**

*"Tipproponi li illi napplikaw għall-iskema li ser tiġi imnedijha dalwaqt fejn tippromwovi aktar aċċessibilita' u mobilita' fil-komunita' tagħna."*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li b'din l-iskema l-Kunsill ikun jista anke jixtri vettura eco friendly sabiex il-ħaddiema li għandu l-Kunsill assenjati miegħu ikunu jistgħu jutilizzawa sabiex jieħdu il-persuni b'dizabilita kif ukoll anzjani għal qadi tagħhom fil-lokal.

Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

16.9.4 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon(#050 – 4/9/20):**

"*Tipproponi li jsir proġett ta' fejn ikollna Eco-Friendly Transport aċċessibbli partikolarment għal nies bi bzonnijiet speċjali u anzjani."*

Din il-mozzjoni titkompla ma mozzjoni 049.

16.9.5 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon(#051 – 4/9/20):**

*"Tipproponi li fid-dawl tal-ittra li ntbagħtet mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta sabiex il-Kunsill tagħna jipproponi studju sabiex jiġi finanzjat (l-istudju) sabiex eventwalment jiġi implimentat proġett il-Kunsill għandu jipproponi li jsir studju fuq slow streets, park & ride, designated parking, corporate social responsibility u dan sabiex intaffu mill-problema ta' parkeġġ fil-lokalita' ."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issuġerixxa li aħna nipprezentaw rapport li bih innaqsu it-traffiku mill-village core u qal illi min naħa tiegħu lest li jgħamel site plan bil proposti sabiex jekk ikun hemm qbil fuqhom nipprezentawhom lill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li ser ikun hemm laqgħa fil-15 ta' Settembru 2020 fejn filkas tipprezenta l-punti anke li jipprezenta is-Sur John B Camilleri jiġi diskuss dan il-punt.

16.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar lt-Tnejn 5 t' Ottubru 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 9 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| SegretarjuEzekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 16- is-Seba Leġislatura.**